# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 3**

**Avviz numru 118/01/SM**

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Rita Grima u l-istess Rita Grima.**

**vs**

**Carmel Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-23 t'Awissu, 1999 gewwa Pieta meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru. LAN 267 imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru JAF 356 proprjeta' ta' Rita Grima u misjuqa minnha u ikkaguna hsara konsiderevoli f'din il-vettura (Dok. A);**

**2. Illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u sbatax-il Lira Maltin (LM417.00,0) jew somma ohra verjuri, u dawk tal-attrici Rita Grima fl-ammont ta' hamsa u sebghajn lira Maltin (LM75.00,0) jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;**

**3. Ikkundannat il-konvenut jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

**4. Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (LM15.00,0), ta' ittra legali tal-25 t'Ottubru, 1999 u ta' ittra ufficjali ohra ippresentatia kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud ghax ghall-incident in kwistjoni kienet tahti Rita Grima;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi bil-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Hadet konjizzjoni tal-verbal tar-rapprezentanti tal-partijiet li rremettew ruhhom ghall-fatti kif jirrizultaw f'din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-23 t'Awissu ta' l-1999 ghall-habta tas-6.45 p.m. fi Triq San Luqa, Pieta, u fiha kienu involuti l-vettura tal-marka Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni LAN-267 misjuqa mill-konvenut Carmel Azzopardi u l-vettura tal-marka Kia Mentor bin-numru ta' registrazzjoni JAF-356 proprjeta' ta' Rita Grima;**

2. **Illi l-attrici Grima ssostni li hi u ddur minn Triq Guze' Ellul ghal go Triq San Luqa, semghet hoss u tkaxxkira minn naha tax-xellug taghha;**

3. **Illi l-konvenut isostni li waqt li hu kien ried idur ghal go Triq Guze Ellul, xeghel l-"indicator", hekk kif beda jimxi bil-mod mal-bankina, giet l-attrici b'velocita', ipprovat taqbzu u ghafset go fuqu;**

4. **Illi l-vettura ta' l-attrici soffriet d-danni reklamati fl-avviz odjern li jirrizulta li ghamlet tajjeb ghalihom l-assigurazzjoni attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjoni mghotija lill-qorti minn Daniel Azzopardi, iben il-konvenut, tidher li hi l-aktar wahda verosimili;**

**Illi minn din jirrizulta s-segwenti:**

a. **Illi l-konvenut kien qed isuq b'velocita' minima ghaliex dan Daniel kellu "tray" b'xi frieken fl-ilma fih u stante li l-karozza taghmillu hazin kien riekeb fuq wara;**

**b. Illi l-konvenut kien qed isuq vicin il-bankina;**

**c. Illi l-konvenut xeghel l-"indicator" biex jindika d-direzzjoni li kien ser isuq fiha;**

**d. Illi l-attrici Grima giet minn wara;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attrici naqset tezercita dik il-prudenza dovuta biex issuq minghajr perikolu u kien is-sewqan skonsiderat taghha li kkaguna l-incident in dizamina;**

**Ghaldaqstant in vista tas-suespost filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**